Djoċesi ta' Għawdex

# Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi

Nru. 490 Ottubru 2017

## ASSEMBLEA TAL-AZZJONI KATTOLIKA T'GĦAWDEX
### Motto: *"AZZJONI KATTOLIKA MISSJONI B'TAMA"*

Is-Sibt 14 ta' Ottubru 2017 ser isir L-ASSEMBLEA tal-AZZJONI KATTOLIKA f'Għawdex fuq bażi djoċesana (Sena Socjali 2017-2018) fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ. Il-funzjoni tibda fil-5.30p.m u fis-6.00pm quddiesa konċelebrata preseduta mill-E. T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex, flimkien mall-Assistenti Ekkleżjastiċi kollha tal-A. K. B'għeluq b'diskors mill-President Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika, Antoine Vassallo . Il-membri kollha tal-Azzjoni Kattolika huma mitluba jattendu.

## IL-ĠURNATA MISSJUNARJA

### SILTIET MILL-MESSAĠĠ TAL-PAPA FRANĠISKU
### IL-ĦADD 22 TA' OTTUBRU 2017

*Il-Ħadd 22 ta' Ottubru 2017 taħbat il-Ġurnata Missjunarja. F'dan il-jum kulħadd għandu jagħti s-sehem sħiħ tiegħu bit-Talb u l-offerta tiegħu. Niftakru wkoll fil-Missjunarji rġiel u nisa, fosthom numru sabiħ ta' lajċi, li qegħdin jiddedikaw ħajjithom għall-kawża missjunarja anke mill-gżejjer tagħna.*

***Il-missjoni fil-qalba tal-fidi Nisranija***

**Iż-żgħażagħ, tama tal-missjoni**

8. Iż-żgħażagħ huma t-tama tal-missjoni. Il-persuna ta' Ġesù u l-Bxara t-Tajba minnu mxandra jibqgħu jiġbdu għal warajhom ħafna żgħażagħ. Huma jfittxu toroq fejn jistgħu jqiegħdu l-kuraġġ u l-inklinazzjonijiet ta' qalbhom għall-qadi tal-umanità. "Bosta huma ż-żgħażagħ li qed joffru l-għajnuna solidali tagħhom quddiem il-ħażen tad-dinja u qed jieħdu sehem f'diversi xejriet ta' ħidma u volontarjat [...]. Kemm hi ħaġa sabiħa li ż-żgħażagħ ikunu 'vjaġġaturi tal-fidi', ferħana li qed iwasslu lil Ġesù f'kull triq, f'kull pjazza, f'kull rokna tad-dinja!" (*ibid.*, 106). L-Assemblea Ġenerali Ordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet, li sa tiġi ċċelebrata fl-2018 bit-tema *"Iż-żgħażagħ, il-fidi u d-dixxerniment vokazzjonali"*, hi okkażjoni providenzjali biex ninvolvu liż-żgħażagħ fir-responsabbiltà missjunarja komuni li għandha bżonn tal-immaġinazzjoni għanja u l-kreattività tagħhom.

**Is-servizz tal-Opri Missjunarji Pontifiċji**

9. L-Opri Pontifiċji Missjunarji huma għodda prezzjuża biex f'kull komunità Nisranija nqanqlu x-xewqa li noħorġu mill-konfini tagħna u mis-sigurtajiet tagħna u mmiddu għonqna għax-xandir tal-Vanġelu lil kulħadd. Permezz ta' spiritwalità missjunarja profonda fil-ħajja ta' kuljum, impenn kostanti ta' formazzjoni u animazzjoni missjunarja, adolexxenti, żgħażagħ, adulti, familji, saċerdoti, reliġjużi, Isqfijiet huma involuti biex tixxettel f'kulħadd qalb missjunarja. Il-Jum Dinji Missjunarju, promoss mill-Opra tal-Propagazzjoni tal-Fidi, hu l-okkażjoni t-tajba biex il-qalb missjunarja tal-komunitajiet Insara tieħu sehem bit-talb, bix-xhieda tal-ħajja u bil-komunjoni tal-ġid ħalli twieġeb għall-ħtiġijiet gravi u vasti tal-evanġelizzazzjoni.

Kompli aqra: http://www.laikos.org/Fr1_Messagg_Jum-Missjoni_2017.htm

## 5 ĦAMISIJIET TA' TALB GĦALL-VOKAZZJONIJIET
### Ġurnata Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù

**Programm:**

| | |
|---|---|
| 6.30am | Quddiesa mas-seminaristi |
| 7.00am | Espożizzjoni ta' Ġesù Ewkaristija u tifħir ta' Sbiħ il-Jum |
| 7.15am | Tkompli l-adorazzjoni fis-skiet |
| 12.00pm | Talb ta' Nofs il-Jum mas-seminaristi<br>Tkompli l-adorazzjoni fis-skiet |
| 7.00pm | Riflessjoni mis-saċerdot u Talb tal-Għasar |
| 8.00pm | Barka Sagramentali |

**Dati:**

5 ta' Ottubru 2017 | 7 ta' Diċembru 2017 | 1 ta' Frar 2018 | 1 ta' Marzu 2018 | 3 ta' Mejju 2018

### Seminar għas-Saċerdoti dwar il-Ħarsien tal-Minuri

Manresa

9-11 ta' Ottubru |16-18 ta' Ottubru 2017

### Kors ta' Formazzjoni għall-Ministri Straordinarji tal-Ewkaristija

Ċentru Ragħaj it-Tajjeb - 6.30pm

16-20 ta' Ottubru 2017

| | |
|---|---|
| **1. Il-Ħadd** | **Is-26 Ħadd tas-Sena A. /** Jum Internazzjonali tal-Anzjani (ĠM).<br>Quddiesa b'tifkira tat-trabi li mietu fil-ġuf (Ta' Pinu - 11.15am). / Purċissjoni tal-Madonna tar-Rużarju fil-Parroċċi. / Films għall-familja (Oratorju Don Bosco - 5.30pm). |
| 2. It-Tnejn | L-Angli Kustodji Mqaddsa. Tifkira (O). |
| 3.It-Tlieta | San Franġisk Borgia, Presbiteru. Tifkira. Jew Beatu Kolumba Marmion, Abbati. Tifkira. |
| 4.L-Erbgħa | San Franġisk t'Assisi, Djaknu. Tifkira (O). / Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. |
| 5.Il-Ħamis | Santa Marija Fawstina Kowalska, Verġni. Tifkira. / Laqgħa għalliema Yr.4 (KP).<br>Jum ta' Adorazzjoni Ewkaristika għall-Vokazzjonijiet (Seminarju - 7am -8pm). |
| 6.Il-Ġimgħa | San Bruno, Abbati. Tifkira. / Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II). / L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| 7.Is-Sibt | L-ewwel sibt tax-Xahar Tqarbina Riparatriċi. / L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju. Tifkira (O).<br>Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tal-Fundatriċi Madre Maria Teresa Spinelli bħala Venerabbli (Parroċċa Għajnsielem - 6pm). / Ċelebrazzjoni Marjana organizata mil-Leġjun ta' Marija u l-Azzjoni Kattolika (Knisja ta' Pompej -7pm). / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet, ix-Xewkija - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **8.Il-Ħadd** | **Is-27 Ħadd tas-Sena A. / Festa tal-Madonna tal-Patroċinju (Bażilka tal-Wied, l-Għasri).**<br>Films għall-familja kollha fl-Oratorju Don Bosco (5.30pm). |
| 9-11 | Seminar għas-Saċerdoti dwar il-Ħarsien tal-Minuri (Manresa - 3.45-9.30pm). |
| 9.It-Tnejn | San Djonisju, Isqof u sħabu, martri. Tifkira. Jew San Ġwann Leonardi, Presbiteru. Tifkira. |
| **10.It-Tlieta** | San Tumas ta' Villanova OSA, Isqof. Tifkira. / Jum Dinji għas-Saħħa Mentali (ĠM). |
| 11.L-Erbgħa | Id-Dedikazzjoni tal-Knisja Katidrali. Festa. / *San Ġwann XXIII Papa, Tifkira.*<br>Laqgħa tal- Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II - 7.30pm). |
| 12.Il-Ħamis | Laqgħa Għalliema Yr. 5 (KP).<br>Mixja ta' Tħejjija għaż-Żwieġ u għall-ħajja tal-Familja Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta. |
| 13.Il-Ġimgħa | Is-6 u l-aħħar dehra tal-Madonna ta' Fatima (Knisja ta' Ħamet: 5.00pm Adorazzjoni Solenni; 6.00pm Quddiesa mill-E.T. Mons Mario Grech, Pellegrinaġġ ta' Talb, Kurunella u Barka Sagramentali).<br>Ċelebrazzjoni Marjana għall-Istudenti tal-iskejjel tal-Knisja fl-Għeluq tal-Ġublew ta' Fatima. |
| 14.Is-Sibt | San Kallistu Papa u Martri. Tifkira. / Assemblea tal-Azzjoni Kattolika (Parroċċa taż-Żebbuġ - 5.30pm \| Quddiesa mill-E.T. Mons Isqof Mario Grech - 6pm). / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl). |
| **15.Il-Ħadd** | **It-28 Ħadd tas-Sena A. / Ftuħ tal-Viżta Pastorali fil-Parroċċa tax-Xewkija fit-8.30a.m.**<br>Laqgħa għall-Familjari tal-Kleru (Seminarju - 4pm). / Films għall-familja fl-Oratorju Don Bosco (5.30pm). |
| 16-18 | Seminar għas-Saċerdoti dwar il-Ħarsien tal-Minuri (Manresa - 3.45-9.30pm). |
| 16-20 | Kors ta' Formazzjoni għall-Ministri Straordinarji tal-Ewkaristija (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb - 6.30pm). |
| 16.It-Tnejn | Santa Margerita Marija Alacoque, Verġni. Tifkira. Jew Santa Edwiġe, Reliġjuża. Tifkira).<br>Jum Dinji tal-Ikel (ĠM). |
| 17.It-Tlieta | San Injazju ta' Antjokja, Isqof u Martri. Tifkira (O). |
| 18.L- Erbgħa | San Luqa, Evanġelista. Festa. |
| 19.Il-Ħamis | San Pawl tas-Salib u l-Martri tal-Kanada. Tifkira. / Laqgħa Għalliema Yr.6 (KP). |
| 20.Il-Ġimgħa | L-Imqaddsa Verġni Marija "Mater Admirabilis". Tifkira.<br>Laqgħa għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II). |
| 21 Is-Sibt | Sant' Ursola u sħabha Martri, Protettriċi tad-Djoċesi. Festa. Solennità fil-Katidral..<br>Laqgħa għall-Katekisti u Ġenituri ta' tfal awtistiċi (Ċentru tar-Ragħaj it-Tajjeb, Rabat - 5pm).<br>Quddiesa orgamizzata mill-Fondazzjoni Nanniet u Quddiesa tal-Ġurnata Missjunarja: Mistiedna l-koperaturi tal-Missjoni u dawk li għamlu esperjenzi missjunarji (Ta' Pinu - 6.30pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Savina, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm |
| **22.Il-Ħadd** | **Id-29 Ħadd tas-sena A. ĠURNATA MISSJUNARJA.** Isir ġbir għall-Missjoni tal-Opri Missjunarji Pontifiċji. / Films għall-familja (Oratorju Don Bosco - 5.30pm). |
| 23.It-Tnejn | San Ġwann minn Capestrano, Presbiteru (Tifkira). |
| 24.It-Tlieta | San Anton Marija Claret, Isqof. Tifkira. / Laqgħa Għalliema Yr.1 (KP) |
| 25.L-Erbgħa | San Gawdenz ta' Brescia. Tifkira. / Laqgħa għall-Għalliema Yr.2. (KP) |
| 26.Il-Ħamis. | San Evaristo Papa. Tifkira. / Laqgħa għall-Għalliema Yr. 3 (KP).<br>Mixja ta' Tħejjija għaż-Żwieġ u għall-ħajja tal-Familja Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta. |
| 27.Il-Ġimgħa | San Frumenzju, Papa. Tifkira. / Seminar tal-Kummissjoni Djoċesana Familja. |
| 28.Is-Sibt | San Xmun u San Ġuda, Appostli. Festa.<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati (Għasri - 6.30-8.30pm). / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat - Quddies: 8.00pm u f'nofsillejl) |
| **29.Il-Ħadd** | **It-30 Ħadd tas-sena A. Jum Il-Bibbja.**<br>**Festa ta' Ġesù Nazzarenu (Knisja Nazzarenu, ix-Xagħra).** |
| 30.Il-Tnejn | Beatu John Slade, Martri. Tifkira. |
| 31. It-Tlieta | San Alfons Rodriguez S. J., Reliġjuż, Tifkira. |